

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, l-FR u d-DE fuq il-websajt tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2014/C 38/05)

1. Introduzzjoni

1. Fis-26 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku ("il-Proposta").⁽¹⁾ Fit-8 ta' Lulju 2013, il-Proposta ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni.

2. L-għan tal-Proposta huwa li "tnaqqas l-ostakli għall-aċċess tas-suq fil-qafas tal-akkwisti pubbliċi transfruntiera, iġġenerati minn insuffiċjenza fl-interoperabbiltà tal-istandards ta' fatturar elettroniku."⁽²⁾ Biex jintlaħaq dan, ser "jiġi żvilupp standard Ewropew komuni li jitqiegħed għad-dispożizzjoni biex jintuża mill-operaturi kollha tas-suq. L-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kontraenti kollha tal-fatturi elettroniċi konformi ma' dan l-istandard tkun meħtieġa fl-akkwist pubbliku, mingħajr ma tissostitwixxi soluzzjonijiet tekniċi eżistenti."⁽³⁾

3. Konklużjonijiet

28. Il-KEPD japprezza li ċerti kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta tittieħdu inkonsiderazzjoni fil-Proposta. F'din l-Opinjoni jagħti rakkomandazzjonijiet dwar kif il-Proposta tista' tittejjeb ulterjorment mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta.

29. B'mod partikolari, il-KEPD jirrakkomanda:

- l-inklużjoni ta' dispożizzjoni sostantiva biex jiġi ċċarat li l-Proposta mhix maħsuba sabiex tipprevedi derogi ġenerali mill-prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta u li l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali (jiġifieri r-regoli nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 95/46/KE) tibqa' applikabbli bis-sih fil-kuntest tal-fatturar elettroniku;
- l-emendar tal-Artikolu 3(2) tal-Proposta biex jiġi żgurat li l-istandards Ewropej li għandhom jiġu adottati jsegwu approċċ ta' "privatezza fid-disinn" u jiġi żgurat li jitqiesu r-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-dejta, u li l-istandards jirrispettaw, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' proporzjonalità, il-minimizzazzjoni tad-dejta u l-limitazzjoni tal-iskop;
- jekk tkun l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jipprevedi l-pubblikazzjoni ta' dejta personali għall-finijiet ta' trasparenza u responsabbiltà, l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet sostantivi espliċiti li jspesifikaw liema tip ta' dejta personali tista' ssir pubblika u għal liema skop(ijiet); inkella, l-inklużjoni ta' referenza għal-liġi tal-UE jew għal dik nazzjonali, li għandha, imbagħad, tipprevedi salvagwardji xierqa.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2013.

Giovanni BUTTARELLI

Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

⁽¹⁾ COM(2013)449 finali.

⁽²⁾ Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2013) 223 finali), Sezzjoni 3.1, paġna 4.

⁽³⁾ Idem, Sezzjoni 5.3.4, paġna 7.